

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9285 — SEGRO/PSPIB/Oignies Site)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 79/05)

1. Fil-25 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifka ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SEGRO plc (“SEGRO”, ir-Renju Unit),
- Public Sector Pension Investment Board (“PSPIB”, il-Kanada),
- Oignies Site (Franza).

SEGRO u PSPIB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Oignies Site kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SEGRO: is-sjieda, il-ġestjoni tal-assi u l-iżvilupp ta' mħaġen moderni u proprjetajiet industrijali ħsief li jinsabu mad-war il-konurbazzjonijiet ewlenin u fċentri ewlenin tat-trasport f'għadd ta' pajjiżi tal-UE,
- PSPIB: investiment tal-kontribuzzjonijiet netti għall-fondi tal-pensjonijiet tas-Servizz Pubbliku federali, tal-Forzi Armati Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjal tal-Kanada u tal-Forza ta' Riżerva. PSPIB tiġġestixxi portafoll dinji diversifikat inklużi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobblī, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat;
- Oignies Site: maħżeen fuq medda ta' 34 393 m² f'Oignies (20 km fin-Nofsinhar ta' Lille, Franza), mibni fl-2010 u mikri lil Condi Services, waħda mill-fornituri ta' loġistika lil terzi persuni għal-loġistika tal-kummerċ elettroniku ta' Leroy Merlin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9285 — SEGRO/PSPIB/Oignies Site

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
